31960D0712

ID-DEĊIŻJONI
fuq l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tat-Trattat dwar il-moviment tal-kapital għall-Alġerija u għad-dipartimenti overseas Franċiżi

Il-KUNSILL TAL-KOMUNITÀ EKONOMIKA EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat, u b'mod partikolari l-Artikolu 227(2) tiegħu;

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni;

Billi f'konformità mat-tieni sub-paragrafu ta' l-Artikolu 227(2) huwa għall-Kunsill li jistabbilixxi l-kondizzjonijiet li taħthom id-dispożizzjonijiet tat-Trattat, għajr dawk li hemm stabbiliti fl-ewwel sub-paragrafu, u b'mod partikolari d-dispożizzjonijiet li jittrattaw il-kapital, għandhom ikunu japplikaw għall-Alġerija u d-dipartimenti *overseas* Franċiżi;

Billi proposta għal Direttiva fuq il-liberalizzazzjoni tal-movimenti tal-kapital, sottomessa mill-Kummissjoni skond l-Artikolu 69 tat-Trattat, ġiet imqiegħda quddiem il-Kunsill;

Billi l-leġislazzjoni fuq il-moviment tal-kapital li hemm fis-seħħ fl-Alġerija u fid-dipartimenti *overseas* Franċiżi, kif ukoll il-kondizzjonijiet ekonomiċi speċjali ta' dawn it-territorji u l-ħtiġijiet ta' l-ekonomija u l-iżvilupp soċjali tagħhom, jirrendu xierqa l-applikazzjoni tad-diżposizzjonijiet tat-Trattat fir-rigward tal-kapital;

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Artikoli 67 sa 73 tat-Trattat, u d-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 106 dwar il-moviment tal-kapital, għandhom ikunu jgħoddu għall-Alġerija u d-dipartimenti *overseas* Franċiżi.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-11 ta' Mejju 1960.

Magħmula fil-Lussemburgu, fil-11 ta' Mejju 1960.

Għall-Kunsill

Is-Segretarju Ġenerali	*Il-President*
CALMES	Eugène SCHAUS